MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 831/2007

**Tancred V. Camilleri Limited (C 985)**

**vs**

**Paul Sciberras**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' elf, seba' mija, sebgha u ghoxrin Ewro u hamsa u disghin centezmi (€1727.95), *ossia* (Lm741.81), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkunsinjata lilu fuq ordni tieghu stess.

Bl-imghax mid-data tal-konsenja u bl-ispejjez, inkluz ta` l-ittra legali tat-28 ta' Settembru, 2007, kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi giet prezentata nota ta' ammissjoni tal-konvenut fis-7 ta' Jannar, 2008, mill-PL E. Montanaro.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------